14 ta' Ottubru 2016
88/2016

## IL-KNISJA F'MALTA TIĊĊELEBRA L-FAMILJA

Il-Knisja f'Malta qed torganizza l-Ġublew tal-Familja, ġurnata ta' attivitajiet u ċelebrazzjoni għall-familja, bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet tas-Sena tal-Ħniena li nieda l-Papa Franġisku. Din l-attività ser issir nhar il-Ħadd, 30 ta' Ottubru 2016, fis-Seminarju tal-Arċisqof, tal-Virtù.

Il-programm ta' ġurnata jinkludi attivitajiet sportivi għall-familja, animazzjoni għat-tfal, workshops, mużika, u spazji għat-talb. Matul il-ġurnata ser jiġi offrut ukoll servizz ta' counselling minn numru ta' professjonisti, servizz ta' qrar, u ħin ta' adorazzjoni fil-kappella.

L-attivitajiet jibdew fid-9:00 a.m. b'quddiesa ċċelebrata minn Mons. Arċisqof Charles J. Scicluna, li ser tixxandar fuq TVM2. Dakinhar, l-Arċisqof ser jippreżenta l-verżjoni bil-Malti tal-Eżortazzjoni Appostolika tal-Papa Franġisku 'Amoris Laetitia' (Il-Ferħ tal-Imħabba).

Il-familji qed jiġu mistiedna għal din l-attività biex flimkien jiċċelebraw il-familja li hija benniena ta' ħniena u l-bażi ta' soċjetà b'saħħitha. Iktar informazzjoni fuq www.thechurchinmalta.org jew fuq info@maltadiocese.org.